



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

2010/0816(NLE)

29.6.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (08029/2010 – C7-0090/2010 – 2010/0816(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Jan Zahradil

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-ħolqien tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u Viċi President tal-Kummissjoni (HR/VP) għandu l-potenzjal li jwassal għal azzjoni esterna tal-UE aktar effikaċi fil-livell dinjiji. Għal dan il-għan u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stipulati fit-Trattati fir-rigward ta' politiki individwali esterni oħra tal-UE, ir-rapporteur jenfasizza l-importanza għal koordinament f'waqtu tal-oqsma ta' politika differenti fil-qafas tal-politika esterna tal-UE, min-naħa tal-Kummissjoni. Definizzjoni ċara tal-kompetenzi fi ħdan il-Kulleġġ tal-Kummissarji tippermetti wkoll li tiffaċilita l-evitar ta' kunflitti ta' kompetenzi bejn l-HR/VP u s-SEAE, min-naħa, u bejn il-Kummissarji tal-UE u d-Direttorati Ġenerali rispettivi tagħhom, mill-oħra.

Sabiex tiġi żgurata koerenza politika akbar tal-azzjoni esterna tal-UE kollha kemm hi, hu importanti li jitnedew konsultazzjonijiet bejn s-SEAE u s-servizzi diplomatiċi tal-Istati Membri sabiex jiġu evitati l-inkonsistenzi, l-irduppar tax-xogħol, u sabiex tiġi żgurata konsistenza fit-tul għall-promozzjoni tal-interessi strateġiċi u tal-valuri fundamentali tal-UE, lil hinn mill-UE.

Ir-rapporteur għal opinjoni jenfasizza li bi qbil mal-Artikoli 207 u 218 tat-TFUE kif emendat mit-Trattat ta' Lisbona, id-definizzjoni, il-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali tal-UE u r-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi jaqgħu fl-ambitu tal-Kummissarju tal-UE għall-Kummerċ bl-għajnuna tad-Direttorat Ġenerali rispettiv. Biex jiċċara d-deċiżjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward, ir-rapporteur jipproponi l-ewwel emenda biex isahha id-dritt tal-Kummissjoni li tagħti istruzzjonijiet lid-Delegazzjonijiet tal-UE fl-oqsma ta' kompetenza tagħha.

Ir-rapporteur jilqa' r-responsabilità tas-SEAE fil-konfront tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-kontroll politiku u tal-iskrutinju leġiżlattiv u baġitarju. Sabiex kemm il-Parlament u l-Kummissjoni jiġu involuti fir-reviżjoni futura ta' din id-Deċiżjoni, ir-rapporteur jipproponi t-tieni emenda li hi mmirata lejn l-inklużjoni taż-żewġ istituzzjonijiet fost id-destinatarji tar-rapport futur tar-Rappreżentant Għoli dwar il-funzjonament tas-SEAE.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mir-Rappreżentant Għoli

Il-Kap tad-Delegazzjoni għandu jirċievi l-istruzzjonijiet mir-Rappreżentant Għoli **u** s-SEAE, u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tagħhom.

F'oqsma fejn il-Kummissjoni teżerċita s-setgħat mogħtija lilha mit-Trattati, il-Kummissjoni tista' wkoll tagħti istruzzjonijiet lid-delegazzjonijiet, li għandhom jitwettqu taħt ir-responsabbiltà ġenerali tal-Kap tad-Delegazzjoni.

Emenda

3. Għandhom jiġu applikati r-regoli li ġejjin għall-Kap tad-Delegazzjoni u għad-delegazzjoni:

(a) Il-Kap tad-Delegazzjoni għandu jirċievi l-istruzzjonijiet mir-Rappreżentant Għoli **bl-appoġġ** tas-SEAE, **u fejn xieraq, mill-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilha mit-Trattati**, u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tagħhom.

(b) Ir-Rappreżentant Għoli m'għandu fl-ebda ċirkostanza jagħti kwalunkwe istruzzjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni kif stipulat fl-Artikolu 207 tat-TFUE.

(c) F'oqsma fejn il-Kummissjoni teżerċita s-setgħat mogħtija lilha mit-Trattati, il-Kummissjoni, **permezz tal-Kummissarju rispettiv, bl-appoġġ tas-servizzi tiegħu**, tista' wkoll tagħti istruzzjonijiet lid-delegazzjonijiet, li għandhom jitwettqu **mill-persunal tal-Kummissjoni rilevanti fi ħdanha**, taħt ir-responsabbiltà ġenerali tal-Kap tad-Delegazzjoni, **li bħala r-rappreżentant tas-SEAE fi ħdan id-delegazzjoni tal-UE, għandu jkun infurmat dwar dan l-istruzzjonijiet. Il-Kapijiet (superviżuri) tat-trade unions fi ħdan id-delegazzjonijiet għandhom jiġu nominati mill-Kummissarju għall-Kummerċ u l-baġits rispettivi ta' dawn l-unitajiet għandhom jitfassly mis-servizzi tal-Kummissjoni rilevanti. Il-persunal tal-Kummissjoni li jwettaq l-istruzzjonijiet fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni għandu jirrapporta r-riżultati lill-Kummissarju tal-UE għall-Kummerċ u jagħti rendikont lir-Rappreżentant Għoli permezz tal-Kap tad-Delegazzjoni.**

(d) Il-Parlament Ewropew bħala koleġiżlatur mal-Kunsill fil-qasam kummerċjali, għandu jkun involut fl-aspetti b'rabta mal-kummerċ tal-politika barranija u ta' sigurtà, sabiex jiżgura l-leġittimità demokratika u biex jeżerċità skrutinju fuq l-azzjoni esterna tal-Unjoni. Is-SEAE jeħtieġli jiżgura li l-Parlament Ewropew ikollu persuni ta' kuntatt fid-delegazzjonijiet tal-UE li jittrattaw kwalunkwe aspekk relatat mal-kummerċ fil-politika esterna tal-UE, b'tali mod li jiggarantixxi kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew.

(e) F'każ ta' kunflitt bejn il-Kummissarju tal-UE għall-Kummerċ u r-Rappreżentant Għoli, id-deċiżjoni finali taqa' f'idejn il-President tal-Kummissjoni.

Ġustifikazzjoni

Skont l-Artikolu 207 tat-Trattat ta' Lisbona, il-Kummissjoni rappreżentata mill-Kummissarju tal-UE għall-Kummerċ bl-appoġġ tas-servizzi rilevanti għandha tkun l-unika awtorità fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni li tagħti struzzjonijiet lid-Delegazzjonijiet tal-UE u lill-persunal tal-Kummissjoni rilevanti tagħhom fi ħdanha.

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mir-Rappreżentant Għoli

Ir-Rappreżentant Għoli għandu jippreżenta rapport lill-Kunsill dwar il-funzjonament tas-SEAE fl-2012.

Emenda

Ir-Rappreżentant Għoli għandu jippreżenta rapport lill-Kunsill, ***lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni*** dwar il-funzjonament tas-SEAE fl-2012.

Ġustifikazzjoni

Peress li l-ħolqien tas-SEAE jinvolti kemm l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew u l-kunsens tal-Kummissjoni, dawn iż-żewġ istituzzjonijiet Ewropej għandhom jinżammu informati dwar il-funzjonament tas-SEAE u kif stipulat fir-rapport tar-Rappreżentant Għoli lill-Kunsill.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	1.6.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	William (The Earl of) Dartmouth, Kader Arif, David Campbell Bannerman, Daniel Caspary, Harlem Désir, Christofer Fjellner, Joe Higgins, Yannick Jadot, Metin Kazak, David Martin, Vital Moreira, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Niccolò Rinaldi, Tokia Saifi, Helmut Scholz, Peter Šťastný, Gianluca Susta, Iuliu Winkler, Jan Zahradil
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Josefa Andrés Barea, Catherine Bearder, George Sabin Cutaş, Mário David, Béla Glattfelder, Salvatore Iacolino, Syed Kamall, Georgios Papastamkos, Michael Theurer